# QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )

BHALA QORTI TA` GUDIKATURKRIMINALI

MAGISTRAT:
DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Pulizija**
(Spettur J. Mercieca)
**vs**

**Joseph Schembri**

Illum 04 ta' Settembru 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Charles Gauci ta' 45 sena iben Joseph u Maria Carmela nee' Cortis, imwieled Rabat, Malta fl-24 ta' Dicembru 1957 u joqghod nru 18 Triq ix-Xaghra ta' Barra, Mellieha. Detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 49558 M talli:

1. f'dawn il-gzejjer bejn l-1 ta' Lulju, 1995 u s-26 t'April 1997, bhala propretarju jew amministratur tal-fond 463, Triq ix-Xaghra ta' Barra Santa Maria Estate, Mellieha, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u

li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, kkomettejt serq ta' kwantita ta' elettriku li jammonta ghal-mija u wiehed u tmenin lira u tmienja u disghin centezmu (LM 181.98c) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz , hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta,

2. u aktar barra minnhekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl tal-ghamla 'Elia', numru 5395076, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira Maltin, ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 261, 264, 270, 326 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-kondotta tajba ta' l-akkuzat li ghamel tajjeb ghall-ammont misruq u ghall-hsara minnu kkagunata ser tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum.

Vera Kopja. (ft) Magt. Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

M.Mifsud

Deputat Registratur